

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta’ teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta’ data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali online”

[COM(2020) 568 final — 2020/0259 (COD)]

(2021/C 10/10)

Relatur Ġenerali: **Ionuț SIBIAN**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.9.2020 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 18.9.2020
Bażi legali	Artikoli 114(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fil-plenarja	29.10.2020
Sessjoni plenarja Nru	555
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	246/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li kwalunkwe deroga mid-Direttiva 2002/58/KE għandha tiġi kkunsidrata bir-reqqa bil-għan li tiġi protetta l-privatezza taċ-ċittadini kollha. Iżda, f’dan il-każ, l-iskala tar-reat kriminali u l-effetti distruttivi tiegħu **jitolbu li ssir eċċezzjoni**.

1.2. B’mod ġenerali, il-KESE jaqbel mar-Regolament propost għal deroga **temporanja** u **strettament limitata** mill-applikabbiltà tal-Artikolu 5(1) u 6 tad-Direttiva 2002/58/KE, li jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data dwar it-traffiku.

1.3. Fil-fehma tagħna, l-**element provviżorju** (li japplika sal-31 ta’ Diċembru 2025) **mhuwiex iġġustifikat**, u l-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu żviluppatti u implimentati salvagwardji adatti b’rabta mal-privatezza qabel ma jilħqu jgħaddu ħames snin.

1.4. Mil-lat tal-**istandards** tal-industrija **għar-rappurtar u t-trasparenza** previsti fl-Artikolu 3(e) tar-Regolament propost, il-KESE huwa tal-fehma li jkun utli li jkun hemm parti terza li, b’mod regolari, tagħmel testijiet/awditi, permezz tal-użu ta’ kampjun akkopjat ta’ materjal li ma jkunx ta’ abbuż sesswali tat-tfal, l-istess bħalma jintuża mill-Istitut Ewropew għar-Riċerka dwar l-Antiviruses tal-Komputer (EICAR) fl-industrija tal-antiviruses.

1.5. Fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni għandha torganizza kompetizzjoni miftuħa bi premju sostanzjali⁽¹⁾ biex tinkoraġġixxi mhux biss l-iżvilupp ta’ għodod ta’ sors miftuħ u standards tal-industrija, iżda wkoll l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet potenzjali ġodda għall-identifikazzjoni u r-rappurtar ta’ abbuż sesswali tat-tfal f’komunikazzjonijiet elettroniċi b’kriptaġġ minn tarf sa tarf.

1.6. Il-KESE huwa tal-fehma li wasal iż-żmien li l-Unjoni Ewropea jkollha ċ-**Ċentru Ewropew** tagħha **li jaħdem għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal, u l-ġlieda kontrih**, u jitlob lill-Kummissjoni tħabrek sabiex jitwaqqaf u jiġi żviluppat ċentru bħal dan. Fil-fehma tagħna, iċ-ċentru għandu jibni fuq il-ħidma tal-Europol, u jaħdem ma’ kumpaniji u korpi għall-infurzar tal-liġi, bil-għan li l-vittmi jiġu identifikati u ssir ġustizzja fil-konfront tat-trasgressuri.

⁽¹⁾ Simili għall-proġetti NESSIE u ECRYPT (eSTREAM) iffinanzjati mill-UE, jew kompetizzjoni li tixbah lil NIST dwar il-kriptografija.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Skont data reċenti tal-Europol ⁽²⁾, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt enormi fuq ir-reati kriminali online. L-ammont ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kondiviż online żdied b'mod sostanzjali fil-perjodu tal-lockdown.

2.2. Fl-2019, minn fost is- 16,9-il miljun rapport ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li rċieva ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Istati Uniti għat-Tfal Nieqsa u Sfruttati (NCMEC), li jinkludi 45 miljun biċċa ta' materjal identifikat bħala ta' abbuż sesswali tat-tfal, 16,8-il miljun rapport kienu mill-fornituri ta' servizzi elettroniċi (ESPs). Minn dawn, kważi 3 miljun immaġni u vidjo li juru materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kienu ospitati fl-Unjoni Ewropea.

2.3. Ir-regolament propost jinħtieġ peress li, meta fil-21 ta' Diċembru 2020 jibda japplika għalkollox il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ċerti servizzi tal-komunikazzjoni online ⁽³⁾ ser ikunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (Direttiva 2002/58/KE). Id-Direttiva m'għandhiex bażi legali espliċita għall-ipproċessar volontarju tal-kontenut jew tat-traffiku tad-data għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u l-fornituri jkollhom itemmu l-attivitajiet tagħhom sakemm l-Istati Membri ma jadottawx miżuri nazjonali speċifiċi.

2.4. Bi tweġiba għal dan, u bħala kwistjoni ta' prijorità, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq regolament li jkun strett fil-mira tiegħu biex tevita li jkun hemm lakuna leġiżlattiva fil-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni.

2.5. Ir-Regolament propost jipprovdi garanziji għas-salvagwardja tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali:

- jeħtieġ li l-ipproċessar ikun proporzonat u limitat għal teknoloġiji stabbiliti sew u użati regolarment minn servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri (NI-ICSS) għal dan l-iskop qabel ma jidħol fis-seħħ;
- it-teknoloġija użata għandha tkun kompatibbli mat-teknoloġija tal-ogħla livell użata fl-industrija, u jeħtieġ li l-indhli fil-ħajja privata jinżamm fl-iżjed livell baxx possibbli;
- it-teknoloġija nnifisha li tiġi użata għandha tkun affidabbli biżżejjed u tillimita r-rati tal-iżbalji kemm jista' jkun possibbli, u tikkoreġi mill-iżjed fis kwalunkwe żball li jista' jkun hemm;
- għandha tintuża biss it-teknoloġija tal-"indikaturi ewlenin" biex tiġi identifikata s-"solleċitazzjoni tat-tfal";
- l-ipproċessar ikun limitat għal dak li hwa strettament neċessarju għal dan il-għan;
- tneħħija immedjata, sakemm ma jiġix identifikat abbuż sesswali tat-tfal;
- l-obbligu li l-fornitur jippubblika rapport annwali dwar l-ipproċessar relatat tiegħu.

2.6. Fil-verità, kulma tagħmel l-eċċezzjoni hu li żżomm il-prattiki attwali.

Brussell, id-29 ta' Ottubru 2020.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁾ Exploiting isolation: sexual predators increasingly targeting children during COVID pandemic, EUROPOL, Ġunju 2020.

⁽³⁾ Bħall-webmail jew is-servizzi ta' messaġġerija.